C/2024/495

23.1.2024

P9_TA(2023)0223

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament rigward ir-riferiment ta' proposti għal atti legalment vinkolanti lill-kumitati u l-proċedura għas-soluzzjoni ta' kunflitti ta' kompetenza

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament rigward ir-riferiment ta' proposti għal atti legalment vinkolanti lill-kumitati u l-proċedura għas-soluzzjoni ta' kunflitti ta' kompetenza (2023/2055(REG))

(C/2024/495)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tiegħu bid-data tat-12 ta' Ottubru 2022,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 236 u 237 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0198/2023),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament

Artikolu 48 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Il-President għandu jirreferi proposti għal atti legalment vinkolanti rċevuti minn istituzzjonijiet jew Stati Membri oħra lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati.	1. Il-President għandu jirreferi proposti għal atti legalment vinkolanti rċevuti minn istituzzjonijiet jew Stati Membri oħra lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati. ***Il-kumitati l-oħra għandhom jiġu infurmati dwar ir-riferiment fl-istess ħin.***

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament

Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	2a. Il-President għandu jħabbar ir-riferiment fil-Parlament wara li jirċievi l-proposta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u, għajr f'każijiet ta' talbiet għall-applikazzjoni tal-proċedura urġenti skont l-Artikolu 163, wara li, meta rilevanti, kwalunkwe kunflitt ta' kompetenza bejn il-kumitati jkun ġie solvut f'konformità mal-Artikolu 211(2). Ladarba jitħabbar fil-Parlament, ir-riferiment għandu jsir pubbliku fuq is-sit web tal-Parlament.

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament

Artikolu 211 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
1. Jekk kumitat permanenti jiddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jeżamina punt, jew jekk jinqala' konflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew iżjed, il-kwistjoni ta' kompetenza għandha tiġi riferuta lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati fi żmien ***erba'*** ġimgħat ***minn meta jitħabbar fil-Parlament*** li sar ir-riferiment lill-kumitat.	1. Jekk kumitat permanenti jiddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jeżamina punt, jew jekk jinqala' kunflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew iżjed, il-kwistjoni ta' kompetenza għandha tiġi riferuta lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati fi żmien ***ġimagħtejn*** mir-riferiment lill-kumitat ***previst fl-Artikolu 48(1). Il-ġimgħat mingħajr attivitajiet parlamentari u l-ġimgħat riżervati għall-attivitajiet parlamentari esterni ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' dik l-iskadenza***.

Emenda 4

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament

Artikolu 211 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni ***fi żmien sitt ġimgħat wara li l-kwistjoni tkun ġiet riferuta lilha abbażi ta'*** rakkomandazzjoni ***mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew, jekk ma jkunx hemm rakkomandazzjoni ta' dan it-tip, mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati***. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tieħux deċiżjoni f'dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.	2. ***Sa mhux aktar tard mit-tieni laqgħa tagħha wara l-iskadenza stipulata fil-paragrafu 1, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew il-President tagħha għandhom joħorġu rakkomandazzjoni***. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni abbażi ta' ***dik*** ir-rakkomandazzjoni ***fi żmien sitt ġimgħat wara t-tażmissjoni tagħha***. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tiħux deċiżjoni f'dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.